*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 66**

**Il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard- Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar – Kunsillier
Daniel Spiteri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Sandro Gatt

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**66.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**66.1.1** Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

**66.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 65 tas-16 ta'Novembru 2017:***

**66.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'paġna 7 artiklu 65.7.5 għandha tinbidel il-kelma 'garażżijiet' u issir 'garaxxijiet'.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjuar Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**66.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 65.2.6 jekk kellniex risposta rigward is-sitwazzjoni tal-fish farms.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għalkemm bgħatna reminders bqajna mingħajr risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħoss illi hemm affarijiet li mhumiex korretti kompla jgħid illi l-fish farms suppost ikunu bejn sitt u għaxar kilometri il-bod mill-kosta u ma jidhirx li qiegħdin hekk.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu lil ERA kif ukoll lill-Planning Authority biex jinvestigaw il-każ.

**66.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 65.2.9 jekk kienx hemm risposta mill-AUM.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu ċempel lil Perit Ray Demicoli u informah illi l-ħsieb tas-sidien hu li jaqsmu l-proġett f'żewġ fażijiet u l-ewwel ser jinbena id-dormitorju u sports facilities.

- Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6:14pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu qal lill-Perit inkarigat mil-proġett tal-AUM illi l-Kunsill irid jiltaqa mal-iżviluppaturi fi stadju ta' konsultazzjoni pero` bil-miktub għadna ma rċivejna xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu qara fuq social media illi d-dormitorju huwa l-ewwel li ħa jinbena u għalhekk informa lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitkellem mal-Perit tagħhom fejn dan qal illi l-Kunsill kien informat fil-laqgħa li kienet saret pero dan mhux minnu peress li din kienet saret żmien ilu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu jinforma lil AUM illi għandhom jiltaqgħu mal-Kunsill sa nofs Jannar u għandhom juruna l-pjanti uffiċjali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jara stramba kif qed jiffokaw fuq id-dormitorji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Perit Demicoli informa lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-binja mhux ser tinżel ħafna l-isfel.

Is-Sindku qal illi meta l-Kunsill ħa deċiżjoni fuq dan il-proġett l-informazzjoni li ingħatajna kienet differenti min dik li qed nsiru nafu biha issa għalhekk tajjeb li nibgħatulhom bil-miktub u ninfurmawhom illi jekk mhumiex ser jiltaqgħu mall-Kunsill sa nofs Jannar il-Kunsill ser joġezzjona għal dan il-proġett.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**66.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 65.2.10 rigward il-fustun permanenti li kellu jiġi kkunsidrat biex isir min-naħa tal-Foundation for Tourism Development Zones.

Is-Sindku qal illi l-Foundation for Tourism Zone Development għamlulna d-dwal tal-Milied minn ħdejn il-Waterline sa ħdejn il-Kunsill, rigward il-fustun permanenti li għandu jsir fi Triq ix-Xatt għandna nitkellmu mad-Direttur tal-Foundation for Tourism Zones.

**66.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 65.3.2 u qal illi fi Triq id-Daħla ta' San Tumas hemm il-crash barrier li jrid jitranġa kif ukoll jinqagħata l-ħaxix ħażin illi hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi l-Kunsill bagħat works order lil-Koptasin rigward il-crash barriers pero` għadha ma saritx u rigward il-ħaxix ser jibgħat lill-Kuntrattur anke jekk miliex li saret.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward ic—chevron l-Kunsill kellu jirċievi kwotazzjoni ta żewġ settijiet ta ħamsa il-wieħed fejn dan id-dawl ser ikun mwaħħal biex jindika it-triq il-fuq kif ukoll l-isfel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dawn huma affarijiet sbieħ pero hemm bżonn li jsiru l-marki tat-toroq fi Triq id-Daħla ta' San Tumas urġenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-works order intbgħatet lill-Koptasin pero għadha ma saritx.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi ż-żebgħa li qed jużaw mhijiex tajjba.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jagħati x-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex isiru dawn il-marki malajr kemm jista jkun.

Kien hemm qbil unanimu li jiġu nstallati dawn ic-Chevrons li jammontaw għal €1097.40

**66.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 65.7.6 u qal illi fil-Bidni ma jistax ikun illi jibqa ma jsirx il-patching. Kompla jgħid illi fl-aħħar laqgħa li kellu l-Kunsill konna għedna illi ser nkellmu lil Onor Aaron Farrugia.

Is-Sindku qal illi Onor Aaron Farrugia qalilna li qed jaħdem fuqha pero` hu tkellem mas-Sur Mario Farrugia sabiex fil-frattemp isir xog]ol mil-Kuntrattur tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi dawn kellhom isiru mill-ħaddiema tagħna għaliex lir-residenti ilna nweduwhom ħafna illi din it-triq ser issir.

Is-Sindku qal illi din it-triq ser issir pero biċ-ċirkustanzi li qiegħdin fihom fejn hawn ħafna xogħol damet aktar milli prevedejna pero` ma l-ewwel ċans li jkollu s-Sur Mario Farrugia kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill din it-triq issir. Hu kompla jgħid illi anke tkellimna mal-Onor Ian Borg u anke ltaqa miegħu u nfurmah illi qed jiddiskuti mal-aġenzija biex anke ssir Triq il-Qaliet ħdejn l-isparkle image.

**66.2.7** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq artiklu 65.7.1 paġna 6 kif bqajna rigward il-camp site.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi baqa caravan wieħed biss.

Is-Sindku qal illi kellem lil Onor Owen Bonnici u għamilha ċara li l-Kunsill ma jridx dawn il-caravans.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard tkellmet fuq artiklu 65.7.4 paġna 7 u staqsiet rigward ir-risk assesment.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa illi dan il-punt ser jiġi diskuss aktar il-quddiem fil-laqgħa.

**66.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**66.3.2** **PA9757/17 Proposed construction class 2A medicial clinic over 7 floors and two storeys underground garages Triq il-Lampuka c/w Triq Patri Wistin Born:**

Is-Sindku qal illi xi ħadd infurmah illi fejn qed issir l-iskola hemm applikazzjoni għal klinika ta' seba sulari, kompla jgħid illi l-preokupazzjoni tar-residenti hi li l-parkeġġ li ser isir fil-klinika ser ikun speċifikament għat tobba u staff tal-klinika u għalhekk il-klijenti li ser jużaw is-servizz ta' din il-klinika mhux ser ikollhom l-ebda parkeġġ u allura ser tiżdied il-problema ta' parkeġġ li diġa hi eżistenti fit-toroq tal-inħawi. Is-Sindku qal illi bħala Kunsill għandu joġġezzjona biss rigward il-parkeġġ għaliex jemmen illi fil-Lokalita' hemm bżonn ta' klinika.

Resident 1 qal illi tippreokkupah il-konfużjoni ta' parkeġġ li ħa jkun hemm qal ukoll illi hemm biċċa binja ma Triq in-Nadur illi waslitlu għal widnejh illi ser isir supermarket u jekk dan hu minnu ser ikun hemm kaos sħiħ bl-iskola, il-klinika kif ukoll is-supermarket.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jekk din il-klinika ser issir ħdejn l-iskola bħala Kunsill nistaw nkellmu lill-Ministeru tal-edukazzjoni.

Resident 2 qal illi għandha ssir pressjoni mal-Gvern sabiex din il-biċċa binja issir parti mill-iskola.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija binja privata u ma tistax tobbliga lis-sid bl-ebda mod.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal fis-6:41p.m.***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu nitolbuhom illi l-binja triq tipprovdi parkeġġ mhux biss għal ħaddiema iżda għal-klijienti kollha u allura ma tiġix aċċettata il-planning gain f'din l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk la darba tinbena din il-klinika ta 7 sulari dan ikun ifisser illi l-binjiet tal-madwar jistgħu jtellgħu l-istess ammont.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-lokalita' ma tiflaħx għal dawn is-sulari kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Planning Authority mhux tapprova is-sulari iżda qed tgħati l-ammont bil-metri.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta jkun hemm żona li diġa` hija overcrowded u jkun ser tinbena binja ta dak it-tip jkun hemm bżonn li jsir traffic impact assesment.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-traffic impact assesment ikollu jitħallas min naħa tal-iżviluppatur u allura ir-riżultat se jkun pożittiv.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill joġezzjona għal fatt illi l-parkeġġ għandu jakkomoda lill-klijenti kollha, rigward l-għoli tal-bini kif ukoll l-alignment tat-triq.

**66.3.1** __Laqgħa mal-iżviluppaturi tal-Jerma:__

Is-Sindku qal illi għal benefiċċju tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard kif ukoll Daniel Spiteri illi ma kienux preżenti waqt il-laqgħa li saret mall-iżviluppaturi tal-binja tal-Jerma ħass il-ħtieġa li jispjega x`kien ġie diskuss flimkien mal-Kunsilliera li attendendew. Dan il-proġett propost huwa pożittiv għal Lokalita' u ħa jigwadanja minnu l-pubbliku. Is-Sindku qal illi t-torri ser ikun aktar espost u ser ikun hemm aċċessibilita' anke mad-dawra tal-binja. Kompla jgħid illi staqsa lil-propjetarji sabiex jippreżentaw l-istess informazzjoni waqt il-laqgħa pubblika sabiex ir-residenti jkollhom l-informazzjoni kollha rigward dan il-proġett u huma aċċettaw.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk l-propjetarji indikawx meta ser taqa din il-binja.

Is-Sindku qal illi ma kienitx mistoqsija li staqasejna waqt il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi bħalissa hemm appell li ġie deferit għal Marzu 2018 sabiex issir id-demolizzjoni tal-binja u tixtieq tifhem għalfejn dawn ma waqqgħux l-appell.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi la darba l-Planning Authority tefaw l-enforcement l-iżviluppatrui bilfors iridu jappellaw u għalhekk fil-frattemp tefgħu din l-applikazzjoni għal bini li għadha fi stadju iniżjali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk il-Kunsill hux jaqbel li jkun hemm parti residenzjali ukoll.

Is-Sindku qal illi 40% biss hija residenzjali.

Il-Viċi Sindku Desiree Attard staqsiet jekk waqt din il-laqgħa hux ser tittieħed deċiżjoni.

Is-Sindku qal illi ser jittieħed vot biex ikun hemm qbil fuq il-prinċipju.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi minħabba l-fatt li ser jittieħed vot tajjeb li tinqara l-ittra tal-Perit Edwin Mintoff quddiem il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minkejja li l-Kuntratturi ser jitilfu ħafna mil art li setgħu jiżviluppaw u mhumiex kuntenti bl-ammont li ingħatalhom dawn xorta waħda ser imexxu bdan il-proġett.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu kien ikkonċernat fuq il-fatt li ser itellgħu 13-il sular u jekk dan iseħħ ikunx ifisser illi f'Marsaskala jkunu jistgħu jittelaw aktar bini bdawn is-sulari pero` meta tkellem ma persuna li hija teknika u spjegalu illi dan mhuwiex il-każ għaliex din hija lukanda u b'hekk seta jtella dawn is-sulari u kull każ huwa meħud differenti u ma jfissirx li la darba nħareġ permess wieħed ser jibqgħu jinħarġu permessi ta' dan it-tip.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-akbar preokupazzjoni tiegħu kienet li kienu ser jibnu mad-dawra tat-torri pero` meta tara x'kien hemm propost qabel għal dak li hemm propost issa tara li ma hemmx bini mad-dawra tat-torri u ser jitħalla miftuħ għal pubbliku li l-ebda art ġdida ma kienet ser tiġi minsusa. Kompla jgħid illi hu xtaq li jkun hemm anqas sulari pero` illum il-ġurnata ma tistax tħares lejha b'dak il-mod għaliex mgħadniex nibnu bil-kantuni. Hu qal illi l-unika ħaġa li għadu xettiku fuqha hija kemm il-binja residenzjali ser tibqa biss ta 40% il-quddiem u l-importanti li ma jkunx hemm aktar applikazzjonijiet sabiex jiżdiedu is-sulari fis-snin ta' wara u għadu mhux ċar fis-60% hemm se jkun hemm kmamar fil-lukanda.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-pożizzjoni tiegħu jafa kulħadd fejn l-Gvern għandu jidħol għal din l-art u jixtriha hu u jħalliha bħala open space kompla jgħid illi għalkemm il-pożizzjoni tiegħu hija fil-minoranza t-talba tagħna għandha tkun għal spazzju pubbliku sabiex jitgwada mil-poplu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi meta l-applikazzjoni tkun waslet fi stadju ta' planning application nieħdu deċiżżjoni dakinhar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill qiegħed jaqbel mall-kunċett pero tajjeb li nżommu d-dritt illi meta jkun hemm l-applikazzjoni oriġinali l-Kunsill ikollu dritt jesprimi l-affarijiet li ma jkunx qed jaqbel magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur john B. CAMillier irrimarka li għandu preokkupazzjoni bi tlettax il-sular.

Is-Sindku wieħbu li tlettax –il sular huwa aċċettat għal-lukandi.

Is-Sindku qal illi jaqbel mall-proġett kif propost mill-iżviluppaturi skond il-laqgħa li saret mall-Kunsill fl-4 ta' Diċembru 2017 u m'għandux ħsieb li joġezzjona minn dak li ġejna murija waqt il-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ssekondat.

Favur: Is-Sur John B Camilleri
Is-Sur Daniel Spiteri
Is-Sur Lawrence Ciantar
Is-Sur Charlot Mifsud.

Astenzjonijiet: Is-Sinjorina Desiree Attard ghaliex taqbel mal-proposta biss parzjalment fis-sens li taqbel mal-fatt li żoni pubbliċi żdiedu u l-iżviluppaturi taw kont ta dominju pubbliku speċjalment il-*foreshore* iżda ma tistax taqbel li jkun hemm bini allokat għal bini residenzjali.

Kontra: Is-Sur Charlot Cassar għar-raġunijiet li ta aktar kmieni fid-diskussjoni.

***Il-Mozzjoni għaddiet b'6 Favur 1 Kontra u 1 Astensjoni.***

- ***Kien hemm sospenzjoni ta regolamenti sabiex jiġi diskuss Agenda Nru 66.5. Approvazzjoni tal-estimi finanzjarji 2018.***

66.5 ***<u>Approvazzjoni tal-estimi finanzjarji 2018</u>***

L-Accountant spjegat l-estimi finanzjarji għas-sena 2018.

Ġie diskuss il-Budget fejn ġie diskuss il-bini tal-Kunsill u l-istima li kienet għada kif waslet dakinhar stess mill-Perit William Lewis.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona l-approvazzjoni tal-estimi finanzjarji u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.*

L-estimi finanzarji ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

66.3.3 ***Preparazzjoni u stima tal-ewwel fażi tal-bini tal-Kunsill:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit tal-Kunsill bagħat l-istima għal-ewwel fażi tal-bini tal-Kunsill fejn kien hemm varjanza minn dik preċedenti pero` jidher li f'din l-istima l-Perit daħħal il-landscaping fejn f'dik preċedenti ma kienitx mniżżla allura hemm bżonn li tiġi diskussa mal-Perit, kompla jgħid li hemm bżonn anke li jiltaqa l-bord maħtur fuq dan il-proġett.

Kien hemm qbil unanimu illi ssir laqgħa mal-bord f'Jannar 2018.

66.3.5 ***43rd General meeting Oxelsound 1st newsletter:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna newsletter mid-Douzelage għal laqgħa ġenerali annwali li ssir ta' kull sena u din is-sena ser issir ġewwa l-Iżvezzja. Kompla jgħid illi irridu naħsbu għal biljetti tal-ajru għat-tlett rappreżentanti tal-Kunsill kif ukoll għal Viċi President taż-żagħżagħ Ryan Portelli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-biljetti tal-ajru tal-Viċi President għandhom jitħallsu min naħa tad-Douzelage u mhux mill-Kunsill. Kompla jgħid illi l-Kunsill għandu jitlob direzzjoni min naħa tad-Dipartiment u jivverifika jekk dawn il-biljetti tal-ajru għandhomx jitħallsu mill-Kunsill jew mid-Douzelage.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill iħallas biss il-biljetti tal-ajru u lis-Sur Portelli ma jingħatalux il-Pier Diem bħar-rappreżentanti tal-Kunsill u jħoss illi s-Sur Portelli jaħdem ħafna u mhux sew li ma nħallsulux il-biljett tal-ajru.

Is-Sindku qal illi meta din il-laqgħa ġenerali annwali issir ġewwa Marsaskala l-Kunsill għandu jieħu ħsieb l-akkomodazzjoni, l-eskurssjonijiet kif ukoll l-ikel ta' ħamsa min nies minn kull muniċipalita`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kull min jitla apparti rrappreżentanti tal-Kunsill m'għandux iħallas għalihom il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu attenda għal laqgħa taż-żagħzagħ is-sena l-oħra u ħass illi ma kienx postu hemm għaliex għandhom jattendu biss iż-żagħżagħ għal din il-laqgħa fejn apparti il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ħadd mhuwa zagħzugħ mill-Kunsilliera għalhekk iħoss illi jekk il-Kunsill ma jibgħatx żagħżugħ għal din il-laqgħa li tkun ferm interessanti jkun qed jonqos. Kompla jgħid illi bis-saħħa ta' dawn il-laqgħat leħen Malta instema ħafna u għalhekk jemmen li l-Kunsill għandu jħallas għal biljett tal-ajru tas-Sur Portelli.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu favur li jkun hemm dan it-tip ta' exchange pero xorta tibqa l-mistoqsija jekk il-Kunsill huwiex konformi mar-regolamenti tal-Kunsilli Lokali u fuq liema bażi jintgħażel dejjem l-istess persuna, kompla jgħid illi mid-Douzelage mhux qed nieħdu xejn aktar min dawn l-exchanges u tajjeb li nkunu ċerti li din l-opportunita' tkun miftuħa għal kull min jixtieq jipparteċipa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi is-Sur Portelli kien mar għal din il-laqgħa anke meta ma kienx Viċi President.

Is-Sindku qal illi hu kemm il-darba staqsa lill-Kunsilliera jekk jafux b'xi żagħżaħ interessati li jitilgħu għal dawn il-laqgħat u anke talab lill-Kunsilliera jagħtuh suġġerimenti ta' żagħżagħ interessati pero ħadd qatt ma ppropona lil ħadd.

Kien hemm qbil illi nibgħatu lid-Dipartiment sabiex nikkonfermaw li qiegħdin konformi mal-liġi.

66.3.4 ***Appel fuq deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fejn it-talba taż resident għal kumpens ġiet rifjutata:***

Is-Sindku qal illi ġie avviċinat minn dan ir-resident fejn qallu li hu ħass li l-Kunsill ma kienx korrett fid-deċiżjoni illi ħa. Infurmah ukoll illi kien il-mechanic li qallu illi la darba ikun inbiddel shock absorber wieħed awtomatikament trid tibdel l-oħra. Is-Sindku qal illi hu infurmah illi l-Kunsill m'għandux iħallas ta żewġ shock absorbers.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi shock absorber titlaq bil-wear and tear u mhux kif qed jingħad f'dan il-każ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jagħti kumpens tal 60% fuq shock absorber wieħed.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jaqbilx għaliex dan ir-rapport huwa falz u jekk ser ngħatu kumpens fuq shock absorber ser ikunu qed noħolqu preċedent għaliex hekk żgur ma tkunx tista iġġib l-ebda prova mhux bħal meta jkollna tyre maqsum fejn tista tara li t-tyre vera ġarrab ħsarat.

Kien hemm qbil illi dan ir-resident jingħata 60% fuq l-amont ta' shock absorber waħda.

66.3.6 **Laqgħa mal-Planning Authority rigward applikazzjoni għal petrol station ġewwa Marsaskala.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu attenda laqgħa ġewwa l-Planning Authority sabiex jiddiskutu applikazzjoni ta' petrol station ġewwa Marsaskala. Hu qal illi ġibed l-attenzjoni tar-rappreżentanti tal-Planning illi bħala Kunsill m'għandux oġġezzjoni skond deċiżjoni li kienet ittieħdet żmin twil ilu pero` tajjeb li joqgħodu attenti għaliex mil-aħħar inċident li sar ġewwa l-Wasteserv. Għaldaqstant talab sabiex jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jekk jerġa jseħħ inċident simili l-pompa ma tiġix affetwata.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-laqgħa li jmiss ser ikun hemm anke rappreżentanti tac-civil protection u nfurmawh illi l-Planning Authority ser tiltaqa anke mal-Wasteserv. Hu informa lill-Kunsill li mhux ser ikun jista jattendi għal din il-laqgħa li ser issir fil-21 ta' Diċembru minħabba li dakinhar ser ikun hemm il-laqgħa tal-bord tal-aġġudikazzjoni tat-tender taż-Żonqor u talab biex jekk jista jkun jmur xi ħadd ieħor biex jirrappreżenta lill-Kunsill.

66.4 **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

66.6 **Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ.**

Ma kienx hemm punti x'jiġu diskussi.

66.7 **Korrispondenza**

66.7.1 **Risposta mil-impjegata Claire Attard għas-sejħa interna ta' Assistent Prinċipali:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sinjura Claire Attard biss applikat għas-sejħa interna għal Assistent Prinċipal.

Kien hemm qbil unanimu illi dan il-post vakanti jingħata lis-Sinjura Claire Attard.

66.7.2 **Risposta minn Tmalta għal possibilita' li tiċċaqlaq il-Belishia crossing fi Triq tal-Gardiel:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi Transport Malta infurmawna illi l-post fejn għandha issir din il-Belishia crossing huwa wieħed pero hemm problema għaliex ir-residenta li ser titpoġġa l-belishia crossing ħdejn id-dar tagħha ma aċċettatx li dan isir.

Il-Kunsill qabel illi din il-belishia crossing issir xorta waħda fil-post propost għaliex inkella nkunu qed nħallu l-periklu għal dawk li jkunu jridu jaqsmu f'din it-triq.

66.7.3 **AKL 94/2017- Ċirkulari fuq multi mil-Awtorita' tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Kunsilli kollha weħlu multa rigward in-nuqqasijiet li jinsabu ġewwa l-Kunsill fejn jidħol saħħa u siġurta'. Kompla jgħid illi f'din il-kwistjoni daħal anke id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kien hemm bżonn li jinħatar persuna responsabbli mir-risk assesment tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun dak responsabbli u ser ikun qed jattendi il-laqgħat għan-nom tal-Kunsill.

66.7.4 **Żieda fin-notch għal-impjegata Sharon Schembri.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sinjura Sharon Schembri waslet sabiex ikollha żieda fin-notch.

Il-Kunsill qabel illi tingħata ż-żieda fin-notch.

66.7.5 **Data tal-laqgħa Annwali tal-Kunsill:**

Il-Kunsill qabel illi d-data għal laqgħa annwali tkun fid-19 ta' Jannar 2017 u issir ġewwa l-Wasteserv fis-6:00pm.

66.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti :**

66.8.1 **Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi daħlu pagamenti tard li ser jippreżenta waqt din il-laqgħa.**

| Kuntrattur | Numru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|
| Karmig | 1192 | €4080.60 |
| | 1193 | €702.05 |
| | 1194 | €142.50 |
| | 1195 | €484.21 |
| | 1196 | €831.25 |
| | 1197 | €867.14 |
| | 1198 | €535.09 |
| | 1199 | €1463.00 |
| Perit William Lewis | RFP224/17 | €67.10 |

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

66.9 **Mozzjonijiet:**

66.9.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (162-5/12/17):**

"Jipproponi li l-Kunsill jitlob laqgħa mall-Ispettur tal-Puluzija tad-distrett u jsiru laqgħa u jkunu fuq bażi regulari."

Is-Sindku qal illi dawn il-laqgħat isiru diġa u qal illi s-Superintendent Geoffrey Azzopardi jgħin ħafna għaliex meta nduru fuqu b'xi problema jkun min tal-ewwel li jieħu azzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irridu nibdew naħsbu sabiex isiru rondi mil-Pulizija fis-sajf speċjalment fil-weekends.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jara ħafna abbużi bil-karozzi u ma jkun hawn ħadd sabiex jwaqqafhom.
Kien hemm qbil unanimu illi nkellmu lis-Superintendent Azzopardi sabiex jiżdiedu r-rondi speċjalment fis-sajf.

66.9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (163-5/12/17):**

"Jipproponi li nitolbu Public Transport sabiex jsir bus Stop fi Triq il-Blajjiet fil-parti min fejn titla 92 bus."

Kien hemm qbil unanimu illi ninfurmaw lill-Public Transport Association kif ukoll lis-Sur Kevin Zahra.

66.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri (164-5/12/17):**

"Jipproponi li l-Kunsill jagħmel talba lil fisheries sabiex tkun installata sistema li tipprovdi ilma u elettriku għal sajjieda . Waħda fejn il-moll ta' quddiem *lemon and lime* u oħra fuq is- simenta."

Kien hemm qbil unanimu li tintbgħat ittra lid-Dipartiment tal-fisheries.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk il-gandotti ta' Triq Hurds Bank u Triq l-Artillieri ma jitranġawx sa Nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru 2017 il-Kunsill għandu joħroġ press release fejn jiddeplora lill-Kuntrattur mqabbad mill-Enemalta għaliex dawn il-gandotti ilhom hemm aktar min xahar."

Kien hemm qbil unanimu.

66.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.15pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018 fis-6.00pm.

Konfermat illum 15 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |